# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Numru: 35**

**Illum 19 ta' Jannar 2024**

**Rikors Ġuramentat Nru. 1361/2023 HM**

**Dr. John Refalo bhala prokuratur ad litem ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpannija ST Management SAS kumpannija registrata Franza bl-indirizz taghha 7 rue du Golf, Parc Innolin, 33700 Mérignac, France kif debitament awtorizzat.**

**vs**

**Valloeby Salome Ltd (C94864) bhala sid tal-Basiment "VS SALOME" registrat taht il-bandiera Maltija bin-numru ta' registrazzjoni 9382114; Valloeby Salma Ltd (C94869) bhala sid tal-Basiment "VS SALMA" registrat taht il-bandiera Maltija bin-numru ta' registrazzjoni 9367358; Valloeby Lara Ltd (C94860) bhala sid tal-Basiment "VS LARA" registrat taht il-bandiera Maltija bin-numru ta' registrazzjoni 9309148; Valloeby Lascaux Ltd (C94868) bhala sid tal-Basiment "LASCAUX" registrat taht il-bandiera Maltija bin-numru ta' registrazzjoni 9405746.**

Din hi kawża li fiha Dr John Refalo, bħala rappreżentant tal-kumpannija ST Management SAS ("Dr Refalo noe"), talab il-ħruġ ta' ordni skont l-art. 37 tal-Kap. 234 biex:

(i.) ma jsir ebda bejgh u/jew trasferiment, u/jew negozju tal-bastimenti VS Salome, VS Salma, VS Lara u Lascaux jew ta' xi sehem fihom,

(ii.) ma jsir ebda bejgh u/jew trasferiment u/jew negozju tal-ishma tas-socjetajiet intimatati sid il-bastimenti u cioe tas-socjetajiet Valloeby Salome Ltd (C94864), Valloeby Salma Ltd (C94869), Valloeby Lara Limited (C94860) u Valloeby Lascaux Ltd (C94868),

(iii.) ma jsir ebda registrazzjoni ta' mortgage jew ipoteka fuq il-bastimenti VS Salome, VS Salma, VS Lara u Lascaux jew hrug ta' ebda *deletion certificate*, u

(iv.) ma jigi registrat ebda bejgh jew trasferiment jew negozju tal-bastimenti VS Salome, VS Salma, VS Lara u Lascaux jew ta' xi sehem fil-bastimenti in kwsitjoni, jew milli jigi registrat kwalsijasi mortgage jew ipoteka fuq il-bastimenti VS Salome, VS Salma, VS Lara u Lascaux jew milli jinhareg kwalunkwe *deletion certificate*.

Talab ukoll li tali ordni ordni għandha tiġi notifikata lir-Reġistratur tal-Bastimenti Merkanili u lir-Reġistratur tal-Kumpanniji.

Bl-ispejjeż bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subbizzjoni u b'riserva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti skond il-liġi naxxenti mill-fatti deskritti fir-rikors ġuramentat.

Ir-raġunijiet għat-talb ta' Dr Refalo ġew imfissra b'dan il-mod:

1. "Illi l-bastimenti **VS SALOME**, **VS SALMA**, **VS LARA** u **LASCAUX** huma kollha registrati taht il-bandiera ta' Malta u dan kif jirrizulta mit-"TRANSCRIPT OF REGISTER" mahruga mir-registratur tal-bastimenti merkantili nhar il-15 ta' Novembru 2023, li qed jigu hawn annessi bhala **Dok A**.

2. Illi l-kumpanniji in kwistjoni jiffurmaw parti minn grupp ta' kumpanniji u l-ishma taghhom kollha huma prezentement registrati f' isem il-kumpannija VALLOEBY INVESTMENTS LIMITED (C92162) (**Dok B**).

3. Illi bejn l-intimati u r-rikorrenti kien hemm diversi kuntratti a bazi ta' liema il-kumpannija rikorrenti kienet tforni servizzi ta' Crew Management, Technical Management u Commercial Management. Dawn il-kuntratti jinsabu ezibiti flimkien ma dan ir-rikors u mmarkati bhala **Dok C, D** u **E** rispettivament.

4. Illi l-intimati kienu itterminaw il-kuntratti in kwistjoni b' ittri kopji ta' liema jinsabu hawn esibiti u markati bhala **Dok F.** B' danakollu it-terminazzjoni ma' taffetwax id-drittijiet tal-kumpannija rikorrenti biex tigbor il-flejjes dovuti lilha. Inoltre minhabba t-terminazzjoni *de quo* ir-rikorrenti kellha twaqqaf il-kuntratt ta' numru kbir ta' bahhara li kienu iservu fuq il-bastiment *de quo* u bastimenti ohra li kienu joperaw bhala parti mill-flotta. Ir-rikorrenti qieghed jezibixxi rapport li juri kif gie mahdum il-kreditu that dan il-kap (**Dok G**). F' dan ir-rigward jinghad li l-bahhar in kwistjoni kienu gew impjegati biex iservu fuq il-bastimenti *de quo* u fuq batsimenti ohra, li minn zmien ghall-iehor kienu parti mill-istess grupp.

5. Illi intimati huma debituri tal-kumpannija rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' €393,977.44 u USD12,538.75 rapprezentanti bilanc dovuti lir-rikorrenti rapprezentanti servizzi rezi lil, u hlasijiet maghmula ghall-beneficcju ta, l-kumpanniji intimati u l-bastimenti *de quo*.

| **Vessel** | **EUR** | **USD** |
|---|---|---|
| LASCAUX | 159,191.87 | 12,538.75 |
| GUYENNE / VS LARA | 59,891.14 | 0.00 |
| FS SALOME | 128,364.96 | 0.00 |
| ST MARSEILLE / VS SALMA | 46,529.48 | 0.00 |
| **Total** | **393,977.44** | **12,538.75** |

6. Illi il-kuntratti in kwistjoni jinkkontjenu klawsola arbitrali u l-kumpannija rikorrenti ser tipprocedi b'arbitragg f'Londra ai termini tal-istess, sabiex tigbor il-krediti dovuti lilha.

7. Illi ma jirrizultax li l-kumpannija intimata ghandha assi ohra apparti il-bastimenti in kwistjoni u d-drittijiet tas-socjeta' rikorrenti mhumiex xort'ohra assigurati.

8. Illi f' dawn l-ahhar granet l-esponenti saret taf li l-intimata bi hsiebha li tittrasferixxi il-bastimenti in kwistjoni (jew uhud minnhom) u dan a bazi artikolu li deher fuq il-pubblikazzjoni "*Tradewinds*" (anness bhala **Dok H**).

9. Illi s-socjeta' rikorrenti ghalhekk ghandha interess li tikkawtela d- drittijiet taghha.

10. Illi ai termini ta' l-**<u>Artiklu 37 ta' l-Att dwar il- Bastimenti Merkantili (Kap 234 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**<u>)</u> din l-Onorabbli Qorti tista tordna li ma jsir ebda bejgh u/jew trasferiment u /jew negozju tal-bastimenti *de quo* jew ta' xi sehem fihom, li ma jsir ebda bejgh u/jew trasferiment tal-ishma tas-socjeta' sid il-bastiment u cioe is-socjetajiet intimati, li ma jsir ebda registrazzjoni ta' *mortgage* jew ipoteka fuq il bastimenti in kwistjoni u li ma jinhareg ebda *deletion certificate* mir-registratur tal-bastimenti merkantili u dan sakemm tigi deciza il-vertenza bejn il-partijiet fuq il-mertu permezz ta' proceduri ta' arbitragg.

11. Illi I-vertenza tirrigwarda drittijiet li jinkwadraw ruhhom fil-parametri li tistipula l-ligi f'paragrafu **<u>37(10)(a)(v) tal-Kap.234</u>** li tghid: "*Dritt f'bastiment jew dwaru jew parti minnu ikun pretensjoni - kull pretensjoni oħra li tnissel pretensjoni in rem kontra bastiment taħt il-liġi Maltija*".

12. Illi l-krediti vantati mill-kumpannija rikorrenti jikkostitwixxu talbiet marittimi skont l-artikolu **<u>742B tal-kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili</u>**. Fil-fatt is-sebartikolu <u>(o)</u> jghid testwalment:

"*kull pretensjoni rigward merkanzija, materjal, proviżjonijiet, bunkers, provvisti u neċessitajiet forniti lil vapur għat-tħaddim, immaniġġar, żamma umanutenzjoni tiegħu*";

13. Inoltre jinghad ukoll li l-artikolu **<u>742B, sub-artikolu (r)</u>** jikklasifika bhala talba marittima "*kull pretensjoni mill-kaptan, mill-uffiċjali, jew minn membru tal-ekwipaġġ, jew mill-ekwipaġġ ta' vapur, għas-salarji u flejjes oħra dovuti lilhom rigward limpjieg tagħhom fuq il-vapur inklużi l-ispejjeż ta'rimpatrijazzjoni u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li jitħallsu f'isimhom*;" Filfatt jirrizulta li l-parti l-kbira tal-krediti vantati mir-rikorrenti titratta hlasijiet maghmula lill-bahhara mill-kumpannija rikorrenti.

14. Illi ghalhekk il-ligi tikkontempla espressament hlasijiet dovuti lil *ship managers* skond il-fatturi premessi.

15. Illi inoltre r-rikorrenti qieghed jipprocedi ukoll kontra l-bastimenti u l-kumpanniji in kwistjoni ***in solidum***. L-artikolu742D tal-Kap. 12 fil-fatt jistipola li:

*Ħlief għal dawk il-każijiet li jiġbdu fuqhom privileġġ speċjali skont l-artikolu 50 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, u li, skont l-artikolu 37D(3) tal-istess Att, jibqgħu jseħħu l-bejgħ volontarju ta' bastiment sa sena wara l-bejgħ, fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 742B(d) sa (y), azzjoni in rem tista' ssir fil-qrati ċivili ta' Malta kontra*

*(a) dak il-vapur jew bastiment, fejn il-persuna li tkun responsabbli fi pretensjoni għal azzjoni in personam ("il-persuna rilevanti") kienet, meta nħolqot il-kawża għall-azzjoni, sid jew noleġġatur ta', jew kellha fil-pussess jew taħt il-kontroll tagħha, il-vapur jew il-bastiment, jekk fiż-żmien meta tinġieb l-azzjoni l-persuna rilevanti tkun sid jew sid benefiċjarju ta' dak il-vapur jew in-noleġġatur taħt bareboat charter ta' dak il-vapur;*

*(b)* ***kull bastiment ieħor li tiegħu, fiż-żmien meta tinġieb l-azzjoni, il-persuna rilevanti tkun is-sid jew is-sid benefiċjarju rigward l-ishma kollha f'dak il-bastiment****.*

16. Illi kif ser jigi ppruvat fid-dettal il-"beneficial ownership" tal-bastimenti *de quo*, kien fil-mument rilevanti, u ghadu sal-lum, l-istess.

17. Illi ghaldaqstant jezistu r-rekwisiti kollha stipulati minn artikolu 37 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili sabiex din l-Onorabbli Qorti taghti l-ordnijiet minna mitluba *ai termini* tal-istess artikolu.

18. Illi kontestwalment ma dan ir-rikors is-socjeta' rikorrenti qieghda tipprezenta rikors *ai termini* ta' artikolu 37(5) tal-Kap. 234 permezz ta' liema qieghda titlob il-hrug ta' ordni provisorju permezz ta' liema din I-Onorabbli Qorti ghandha tipprojbixxi il-bejgh jew trasferiment jew negozju tal-bastimenti in kwitsjoni VS

Salome, VS Salma, VS Lara u Lascaux jew ta' xi ishma fihom, il-bejgh jew trasferiment tal-ishma tas-socjetajiet sidien il-bastimenti *de quo*, ir-registrazzioni ta' kwalunkwe mortgage jew ipoteka u l-hrug ta' *deletion certificate* mir-registratur tal-bastimenti merkantili, u dan kollu sakemm il-vertenza bejn il-partijiet tigi deciza.

19. Illi ghal kull buon fini l-esponenti qieghed jipprezenta kopja ta' prokura **(Dok I)** li hu nghata minghand il-kumpannija rikorrenti u li tawtorizza l-prezentata tar-rikors guramentat pprezentat kontestwalment u ta' dana ir-rikors."

Permezz ta' nota ppreżentata fit-22 ta' Diċembru 2024, il-kumpanniji intimati infurmaw lill-qorti u lill-kontroparti li, għar-raġunijiet hemm imfissra u mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tagħhom fi kwalunkwe kawża fuq il-mertu, għall-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja u għall-ekonomija ta' l-ispejjeż ġudizzjarji, huma ma kienux bi ħsiebhom jressqu argumenti akkademiċi f'dan l-istadju u dana billi diġà ngħatat garanzija sabiex tkopri l-pretensjoni kollha ta' Dr Refalo noe. Għalhekk infurmaw lill-qorti u lil Dr Refalo noe li ma kienux ser jippreżentaw ebda risposta ġuramentata u rrimettew ruħhom għall-ġudizzju tal-qorti.

Wara *case management conference* li nżammet fl-4 ta' Jannar 2024, il-partijiet ippreżentataw nota konġuntiva fit-8 ta' Jannar 2024, li permezz tagħha il-partijiet għamlu din id-dikjarazzjoni:

> "Il-partijiet qeghdin jiddikjaraw illi qeghdin jaqblu li l-mertu tar-rikors guramentat numerat 361/2023 HM fl-ismijiet surreferiti gie ezawrit, u dan in vista tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 37(4) tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li l-ammonti pretizi mir-rikorrenti nomine gew ikkawtelati permezz ta' cedola ta' depositu numru 2598/2023 ipprezentata fis-7 ta' Dicembru 2023;
>
> Jaqblu ukoll illi l-proceduri ' arbitragg li nbdew gewwa Londra sabiex jigu accertati it-talbiet tar-rikorrenti li gew kawtelati bil-presenti procedura inbdew fit-terminu stabbilit mill-artikolu 37.
>
> F' dan ir-rigward, il-partijiet jiddikaraw li l-imsemmi ammonti depozitati permezz ta' cedola ta' depozitu numru 2598/2023 ghandhom jigu zbankati biss minn min ikollu dritt ghalihom (a) skont u wara li l-ezitu tal-proceduri arbitrali premessi jigu ddeterminat b'mod finali jew (b) bi qbil bejn il-partijiet.
>
> Il-partijiet jaqblu ukoll li r-responsabbilta ghall-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jkunu r-responsabbilta tal-parti telliefa fl-arbitraggi premessi."

Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti qiegħda tiddeċiedi billi tiddikjara l-mertu ta' dan ir-rikors ġuramentat eżawrit u dan fid-dawl tal-artikolu 37(4) tal-Kap 234 u wara li l-ammonti pretiżi minn Dr Refalo noe gew ikkawtelati permezz taċ-ċedola ta' depositu numru 2598/2023 ipprezentata fis-7 ta' Diċembru 2023; u fid-dawl tal-qbil bejn il-partijiet li l-imsemmija ammonti depożitati permezz taċ-ċedola ta' depożitu numru 2598/2023 għandhom jiġu żbankati biss minn min ikollu dritt għalihom (a) skont u wara li l-eżitu tal-proċeduri arbitrali (li ġa nbdew) jiġi determinat b'mod finali jew (b) bi qbil bejn il-partijiet. L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom, *inter partes,* jkunu r-responsabbiltà tal-parti telliefa fil-proċeduri arbitrali li għaddejjin. Spejjeż addizzjonali ta-reġistru, jekk hemm, ikun provviżjorament a kariku tal-kumpanniji intimati.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Registratur